

Brussell, 25 ta' Frar 2025  
(OR. en)

6542/25

POLCOM 37  
COMER 23  
DELECT 14

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	25 ta' Frar 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2025) 1148 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'25.2.2025 li jemenda r-Regolament (UE) 2019/287 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-dispożizzjonijiet speċifiċi li jinsabu fil-Ftehim Kummerċjali Interim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċili

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2025) 1148 final.

Mehmuż: C(2025) 1148 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 25.2.2025  
C(2025) 1148 final

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**ta'25.2.2025**

**li jemenda r-Regolament (UE) 2019/287 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-  
rigward tad-dispożizzjonijiet speċifiċi li jinsabu fil-Ftehim Kummerċjali Interim bejn l-  
Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċili**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### **1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT**

L-Unjoni Ewropea regolarment tikkonkludi ftehimiet kummerċjali ma' pajjiżi terzi, li fihom tagħti trattament preferenzjali lil dawk il-pajjiżi. Fost tali ftehimiet hemm il-Ftehim Kummerċjali Interim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Ċili ("il-Ftehim bejn l-UE u ċ-Ċili"), li fih klawżoli ta' salvagwardja bilaterali.

Ir-Regolament (UE) 2019/287 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Frar 2019 ("ir-Regolament ta' Salvagwardja Bilaterali") jimplimenta l-klawżoli ta' salvagwardja u mekkaniżmi oħra li jippermettu l-irtirar temporanju ta' preferenzi f'ċerti ftehimiet konklużi bejn l-Unjoni Ewropea u ċerti pajjiżi terzi. Meta ċerti ftehimiet kummerċjali jkun fihom dispożizzjonijiet speċifiċi li mhumiex f'konformità mar-Regolament ta' Salvagwardja Bilaterali, dawk id-dispożizzjonijiet speċifiċi jenħtieġ li jiġu elenkati fl-Anness ta' dak ir-Regolament.

Il-Ftehim bejn l-UE u ċ-Ċili fih tali dispożizzjonijiet speċifiċi dwar salvagwardji bilaterali u, għalhekk, huwa meħtieġ li l-Anness tar-Regolament ta' Salvagwardja Bilaterali jiġi emendat kif xieraq billi jiġu elenkati dawk id-dispożizzjonijiet.

L-Artikolu 15 tar-Regolament ta' Salvagwardja Bilaterali jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni tadotta atti delegati sabiex temenda l-Anness ta' dak ir-Regolament.

### **2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT**

Skont il-paragrafu 4 tal-Anness tal-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, twettqet konsultazzjoni xierqa u trasparenti. Mhija meħtieġa l-ebda konsultazzjoni addizzjonali ma' partijiet interessati jew partijiet ikkonċernati, jew tħejjija ta' valutazzjoni tal-impatt.

### **3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT**

L-Artikolu 15 tar-Regolament ta' Salvagwardja Bilaterali jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni tadotta atti delegati sabiex temenda l-Anness tar-Regolament ta' Salvagwardja Bilaterali, bil-ħsieb li żżid l-entrati relatati ma' klawżoli ta' salvagwardja bilaterali speċifiċi jew mekkaniżmi oħra, li jippermettu l-irtirar temporanju ta' preferenzi tariffarji jew ta' trattament preferenzjali ieħor, li jinsabu fil-ftehimiet kummerċjali konklużi bejn l-Unjoni Ewropea u pajjiż terz wieħed jew aktar u li ma jkunux f'konformità mar-Regolament ta' Salvagwardja Bilaterali. L-Anness tar-Regolament ta' Salvagwardja Bilaterali se jiġi emendat biex jelenka d-dispożizzjonijiet speċifiċi li jinsabu fil-Ftehim Kummerċjali Interim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Ċili.

# REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'25.2.2025

**li jemenda r-Regolament (UE) 2019/287 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-dispożizzjonijiet speċifiċi li jinsabu fil-Ftehim Kummerċjali Interim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċili**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/287 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Frar 2019 li jimplimenta klawżoli ta' salvagwardja bilaterali u mekkaniżmi oħra li jippermettu l-irtirar temporanju ta' preferenzi f'ċerti ftehimiet kummerċjali konklużi bejn l-Unjoni Ewropea u pajjiżi terzi<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2019/287 jistabbilixxi dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni ta' klawżoli ta' salvagwardja bilaterali u mekkaniżmi oħra li jippermettu l-irtirar temporanju ta' preferenzi f'ċerti ftehimiet kummerċjali konklużi bejn l-Unjoni Ewropea u pajjiżi terzi wieħed jew aktar. Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2019/287 japplikaw mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe dispożizzjoni speċifika li tinsab f'tali ftehimiet kummerċjali, meta tali dispożizzjonijiet ma jkunux f'konformità ma' dak ir-Regolament. Tali dispożizzjonijiet speċifiċi li jinsabu f'ċerti ftehimiet kummerċjali huma elenkati fl-Anness tar-Regolament (UE) 2019/287.
- (2) L-Unjoni Ewropea u ċ-Ċili kkonkludew Ftehim ta' Kummerċjali Interim<sup>2</sup> li fih ċerti dispożizzjonijiet dwar salvagwardji bilaterali li mhumiex f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/287. Għalhekk, l-Anness ta' dak ir-Regolament jenħtieġ li jinkludi referenzi għal tali dispożizzjonijiet.
- (3) Konsegwentement, sabiex jiġu żgurati t-trasparenza u l-leġġibbiltà, jenħtieġ li dawn id-dispożizzjonijiet jiżdiedu mal-Anness tar-Regolament (UE) 2019/287,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## *Artikolu 1*

It-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament jiżdied mat-test fl-Anness tar-Regolament (UE) 2019/287.

## *Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

<sup>1</sup> ĠU L 53, 22.2.2019, p.1.

<sup>2</sup> ĠU L, 2024/2953, 20.12.2024

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 25.2.2025

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
*Ursula VON DER LEYEN*